MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 173/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Anthony Meachen**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Meachen detentur tal-karta tal-identita` numru 313680(M).

Akkuzat talli fl-2007 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
1. Ikkorrompa lil Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex Francis Catania jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;
3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirskostanzi, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih inniffsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, f’April 2006, u x-xhur ta’ wara xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 115(c), 120(1), 185(1), 121A(2) u 186 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekussjoni u li l-fedina penali tal-istess hija wahda netta, qeghda ssib lill-imputat Anthony Meachen hati tal-akkuzi kollha u stante li t-tieni, it-tielet u r-raba’ akkuza huma assorbiti fl-ewwel akkuza, tikkundannah ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija li l-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghdin jigu sopsizi ghal tlett (3) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------